MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 550/2009

**Andre' Gatt**

**vs**

**Computer Domain Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz ta' l-attur li talab lil dan it-Tribunal jordna lis-socjeta' konvenuta thallas il-paga u emolumenti in konnessjoni mal-impjieg tieghu mas-socjeta' konvenuta u gie tterminat mill-attur fil-15 ta' Dicembru, 2008.

(a) Elf, mitejn u wiehed u sebghin Euro (€1,271) salarju ghal Dicembru, 2008;
(b) Hames mija u tlieta u tletin Euro (€533) salarju sas-16 ta' Jannar, 2009;
(c) Mija u hamsa u tletin Euro (€135) *bonus* ta' Dicembru, 2008;

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta.

Illi s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata fit-28 ta' Lulju, 2009, u fis-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2009 l-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta deher quddiem dan it-Tribunal u informa lit-Tribunal li kien ser jikkontesta t-talba, izda peress li kien ghadda t-terminu kien ser jitlob il-*visto* tal-kontro-parti, izda sas-seduta li kien imiss fit-30 ta' Novembru, 2009 dan ma sehhx.

Illi ghalhekk, l-attur ikkonferma li l-ammont kien ghadu dovut u sallum is-socjeta' konvenuta kienet ghadha m'ghamlet l-ebda pagament.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici kif dedotti.

Bl-ispejjes kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------